MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2024

Appell Inferjuri Numru 46/2023 LM

**Martino Caruana (K.I. numru 841153(M))**
*('l-appellat')*

***vs*.**

**Transport Malta**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata l-**Awtorità għat-Trasport f'Malta** magħrufa wkoll bħala **Transport Malta** [minn issa 'l quddiem 'l-Awtorità appellanta'] mid-deċiżjoni mogħtija fit-13 t'April, 2023, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], mit-Tribunal tal-Appelli Dwar l-Informazzjoni u l-

Protezzjoni tad-Data [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’], li permezz tagħha ddeċieda r-rikors tal-appell tar-rikorrent **Martino Caruana (K.I. numru 841153**(M)) [minn issa ’l quddiem ‘l-appellat’] billi laqgħu, u b’hekk irrevoka d-deċiżjoni tat-3 ta’ Jannar, 2021, [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni tal-Kummissarju’] tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data [minn issa ’l quddiem ‘il-Kummissarju’], u ordna lill-imsemmija Awtorità appellanta sabiex *“...tipprovdi informazzjoni dwar min ħa t-*tender *għal xogħlijiet fl-iskall numru wieħed magħruf bħala Principino jew ta’ Polu qabel ma bdew ix-xogħlijiet fl-istess skall f’Ottubru 2018”.*

**Fatti**

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw rikjesta magħmula lill-Awtorità appellanta mill-appellat fil-5 ta’ Marzu, 2020, għal *‘kopja vera, stampata tad-dokumentazzjoni inkluż fatturi b’konnessjoni ma xogħlijiet ta’ manutenzjoni u tiswija li saru bejn Lulju 2016 u Settembru 2018 fuq skaliet* (slipways) *tas-sajjieda f’Marsaxlokk”.* L-Awtorità appellanta rrifjutat li tgħaddi d-dokumentazzjoni rikjesta, u għalhekk l-appellat ressaq ilment mal-Kummissarju sabiex jinvestiga d-deċiżjoni tagħha. L-imsemmi Kummissarju fid-deċiżjoni tiegħu tat-13 ta’ Jannar, 2021, sab li r-rifjut kien wieħed ġustifikat *ai termini* tal-para. (a) tas-subartikolu 30(2) tal-Kap. 496, għaliex kien hemm kawża pendenti bejn il-partijiet quddiem il-Qorti Ċivili, Prim’Awla, fl-ismijiet **Martino Caruana** ***vs.*** **Awtorità għat-Trasport** (Rik. nru. 324/19GM), li kienet għadha *sub judice,* u l-informazzjoni mitluba minnu kienet eżenti *ai termini* tal-para. (a) tas-subartikolu 30(2) tal-Kap. 496.

**Mertu**

3. L-appellat appella minn dik id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal, fejn talab lill-imsemmi Tribunal sabiex id-deċiżjoni tal-Kummissarju tiġi revokata, u b'hekk l-Awtorità appellanta tiġi ordnata tipprovdi l-informazzjoni mitluba minnu.

4. L-Awtorità appellanta laqgħet billi issottomettiet li l-appell interpost kellu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellat, u dan stante li l-imsemmi appell kien infondat fil-fatt u fid-dritt.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"Konsiderazzjonijiet*
>
> ***Talbiet tal-appellanti quddiem il-Kummissarju u quddiem dan it-Tribunal***
>
> *Ra li l-informazzjoni oriġinarjament mitluba minn Martino Caruana meta għamel l-ilment tiegħu lil Kummissarju hija sabiex:* "għandi bżonn kopja vera, stampata, tad-dokumentazzjoni, inkluż fatturi b'konnessjoni ma' xogħlijiet ta' manutenzjoni u tiswija li saru bejn Lulju 2016 u Settembru 2018 fuq skalien (slipways) tas-sajjieda f'Marsaxlokk."
>
> *Illi t-talbiet tal-appellanti f'dawn il-proċeduri ċioe f'dan l-appell huwa sabiex l-Awtorità tgħid min ħa t-*tender *għal xogħlijiet fl-iskall numru wieħed magħruf bħala Prinċipino jew ta' Polu liema xogħol sar qabel Ottubru 2018.*
>
> *Illi rigward it-talba kif ridotta f'dan l-appell minn Martino Caruana ċioe minn waħda żvelar ta' kull dokumentazzjoni għal dik ta' min ħa t-*tender *għal xogħlijiet fl-iskall numru wieħed magħruf bħala Principino jew ta' Polu liema xogħolu sar qabel Ottubru 2018 dan it-Tribunal jikkontendi li tali informazzjoni kif imressqa fir-rikors tal-appell tiegħu hija parti mill-informazzjoni oriġinarjament mitluba u għalhekk dan it-Tribunal sejjer jikkonsidra din it-talba kif ridotta.*

***Talba għal informazzjoni dwar tender***

*Illi għalhekk l-informazzjoni mitluba hija dwar* tender *pubbliku.*

*Li bħala prinċipju kull ċittadin fl-Unjoni Ewropea għandu aċċess għad-dokumenti. Dan jinstab fl-artikolu 15(1) qabel 255* EC Treaty *u fl-artikolu 16 qabel artikolu 286 EC tat-Trattat magħruf bħala* Treaty on the functioning of the European Union. *L-istess prinċipju insibuh fl-artikolu 42 tal-*EU Charter of Fundamental Rights. *Però hemm deroga għal dan il-prinċipju u dawn l-eċċezzjonijiet dejjem ġew interpretati li jridu jiġu interpretati* "narrowly and applied strictly" *Vide case C-506-08 P Sweden vs Commission 21 July (2011) ECR I-nyr at paras 75-6:*

"para 76 – Thus if the institution concerned decides to refuse access to a document which it has been asked to disclose it must in principle explain how disclosure of that document could specifically and effectively undermine the interest protected by the exception – among those provided for in Article 4 of Regulation No 1049.2001 – upon which it is relying."

*Dan it-Tribunal ukoll jagħmel referenza għall-artikolu 4(2) tar-Regolament (EC) 45/2001) dwar protezzjoni tad-data li jittratta dwar meta informazzjoni hija prekluża minħabba proċeduri fil-Qorti fejn jingħad li:* "unless there is an overriding public interest in disclosure the EU institutions are also required to refuse access to a document where its disclosure would undermine the protection of commercial interest of a natural or legal person including intellectual property and court proceedings and legal advice and the purpose of inspections investigations and audits."

*Li għalhekk l-informazzjoni mitluba dwar hija* tender *pubbliku li ingħata minn awtorità pubblika.*

***L-eżenzjoni abbażi tal-artikolu 30(2)(a) tal-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta***

*Illi jonqos għalhekk li dan it-Tribunal jikkunsidra jekk il-Kummissarju għandux raġun meta kkonkluda li bl-informazzjoni mitluba l-Awtorità ser tiġi ppreġudikata bl-informazzjoni li qed jitlob l-istess appellanti f'dawn l-proċeduri kif qed jikkontendu l-Awtorità u l-Kummissarju u dan a bażi 30(2)(a) tal-Kap 273 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi l-appellanti rriduċa t-talba tiegħu għal informazzjoni dwar min ħa t-*tender *għal xogħlijiet fl-iskall numru wieħed magħruf bħala Principino jew ta' Polu liema xogħol sar qabel Ottubru 2018.*

*Illi dan it-Tribunal jagħmel referenza għal Joined Cases C39/03 P 7 C-52/05 P Sweden and Turco v Council (2008) ECR I – 4723 para 49 u Case C-139/07 P Commission v Technische Glaswerke Ilmenau 29 ta' Ġunju 2010 ECR I-nyrpara 53 fejn ġie ritenut li*

"if a body subject to the provisions of the regulation (EC) no 1049/2001 decides to refuse access to a requested document it must in principle explain how disclosure of that document could specifically and effectively undermine the interest protected by the Article 4 exceptions."

*Tajjeb jiġi spjegat li r-*Regulation (EC) 1049/2021 *huwa dwar il-libertà għall-informazzjoni.*

*Illi mill-provi jirriżulta li:*

*(a) Illi t-talbiet tal-appellanti fil-kawża ċivili (kawża 324/2019 GM) huma purament kawża għad-danni. Difatti l-premessi ma jsemmu ebda* tender *u t-talbiet tiegħu huma limitati għal dikjarazzjoni ta' responsabiltà, aġir abbużiv u illegali u danni.*

*(b) Illi mill-atti jirriżulta li l-luzzu tal-appellanti ġie mċaqlaq minn fuq l-iskall fil-31 ta' Ottubru 2018.*

*(ċ) Illi l-artikolu 30(2)(a) jgħid hekk:* dokument hu dokument eżentat jekk l-iżvelar tiegħu taħt dan l-Att jasal biex, jew jista' raġonevolment ikun mistenni li:

> (a) Jippreġudika l-proċess ġust ta' persuna jew il-ġudizzju imparzjali ta' każ partikolari minn xi qorti, tribunal, bord ta' dixxiplina, panel ta' arbitraġġi jew korp simili jew jippreġudika inkjesta mmexxija taħt l-Att dwar l-Inkjesti.

*Fit-test Ingliż l-kliem użat għall-istess artikolu 30(2)(a) huwa dan li ġej:*

A document is an exempt document if this disclosure under this Act would or could *reasonably* be expected to:

> (a) Prejudice the fair trial of a person or the impartial adjudication of a particular case by any court, tribunal disciplinary board, arbitration panel or similar body or prejudice an inquiry conducted under the Inquiries Act.

*Li għalhekk tali eżenzjoni hija waħda kwalifikata.*

*(d) li l-preġudizzju l-Awtorità spjegatlu fis-sens li hija tikkontendi li jekk hija tagħti l-informazzjoni mitluba tali informazzjoni l-appellanti jista' jużaha fil-kawża ċivili li qed jagħmel kontra l-Awtorità (kawża numru 324/2019). Li l-Awtorità ma spjegat xejn aktar minn dan.*

*Li mill-atti jirriżulta li l-informazzjoni rikjesta mill-appellanti taqa' taħt it-tifsira ta' dokument, fl-artikolu 2 tal-Kap 496. Li dokument eżentat f'dawn il-proċeduri huwa kif deskritt fl-artikolu 30(2)(a) tal-istess Kap. Li l-Awtorità appellanti hija awtorità pubblika.*

*Illi sabiex jiġi identifikat n-natura tal-preġudizzju l-Awtorità għandha bilfors turi li l-preġudizzju huwa reali, attwali jew ta' sustanza u turi li hemm ness bejn l-iżvelar u l-preġudizzju li hija qed tgħid li tirrikorrsi jekk tagħti l-informazzjoni mitluba. U li jekk ikunu sodisfatti dawn iż-żewġ rekwiżiti dwar il-preġudizzju xogħol li dan it-Tribunal huwa li jikkonsidra l-interess pubbliku.*

*Illi f'dawn il-proċeduri l-uniku ilment tal-Awtorità huwa li l-informazzjoni mitluba ser tippreġudika d-difiża tagħha fil-kawża ċivili li qed jagħmel Martino Caruana kontra tagħha u oħrajn iżda ma tispeċifikax x'inhu dan il-preġudizzju. U dan it-Tribunal ma jistgħax jikkonkludi jekk tali preġudizzju kienx tal-Awtorità jew ta' min ħa t-*tender.

*Illi biex ikun hemm preġudizzju jeħtieġ li jkun hemm konnessjoni loġika bejn l-iżvelar u l-preġudizzju sabiex tali informazzjoni tkun tista' tiġi eżentata. Il-kliem użat mill-artikolu 30(2) huma li l-iżvelar jasal biex, jew jista' raġonevolment ikun mistenni li jikkawża preġudizzju...u li inoltre wieħed għandu jikkonsidra wkoll jekk miżmuma hux qed tippreġudika l-interess protett f'din l-eżenzjoni.*

*F'dan il-każ l-Awtorità ma speċifikat kif dan l-iżvelar ser lilha jippreġudikalha l-kawża li hemm pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili. Hawn mhux si tratta ta' proċeduri kriminali fejn tali żvelar jista' jiżvela informazzjoni lid-difiża li tista' tużaha biex l-akkużat jiddefendi ruħu. Hawn si tratta ta' kawża ċivili għad-danni u li l-iżvelar ta' informazzjoni dwar it-*tender *limitatament għal dak li qed jitlob l-appellanti ma jistgħax jitqies li b'dan l-iżvelar l-Awtorità mhux ser ikollha smigħ xieraq jew ġudizzju imparzjali.*

*Illi l-interess protett f'din l-eżenzjoni skont l-artikolu 30(2) tal-Kap. 273 skont dan it-Tribunal, mhuwiex l-interess li jista' jwassal sabiex jagħti lil Martino Caruana fil-kawża ċivili li qed jagħmel, raġun, iżda l-interess protett f'din l-eżenzjoni huwa jekk bl-iżvelar tal-informazzjoni mitluba l-Awtorità hux ser ikollha smigħ xieraq u sentenza ġusta u imparzjali.*

*Illi minn dan kollu ma jirriżultax għal dan it-Tribunal."*

## L-Appell

6. L-Awtorità appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fl-24 ta' April, 2023, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex:

*"... jogħġobha tiddikjara illi deċiżjoni mogħtija fit-13 t'April, 2023 mit-Tribunal tal-Appelli Dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data li minnha qed jiġi intavolat dan*

*l-appell hija nulla minħabba fir-raġunijiet esposti fil-paragrafi (2) sa (5) ta' dan ir-rikors ta' appell u ċioe' peress illi l-imsemmija deċiżjoni hija* extra petita *jew* ultra petita; *alternattivament, f'każ illi din l-Onorabbli Qorti ma jogħġobhiex tilqa' t-talba biex id-deċiżjoni appellata mogħtija mit-Tribunal tiġi dikjarata nulla, jogħġobha tirrevoka l-imsemmija deċiżjoni appellata u konsegwentement tiċħad l-appell li kien ġie intavolat mill-appellat odjern Martino Caruana quddiem it-Tribunal tal-Appelli Dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni li kienet ingħatat mill-Kummissarju Dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellat odjern Martino Caruana."*

7. L-appellat laqa' permezz tat-tweġiba tiegħu tat-13 ta' Novembru, 2023, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell, bl-ispejjeż kollha kontra l-Awtorità appellanta, u dan filwaqt li takkolji l-appell intavolat minnu stess quddiem l-istess Qorti bir-Rikors tal-Appell numru 52/2023LM fl-istess ismijiet fuq premess.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji rispettivi tal-Awtorità appellanta, u dan fid-dawl tar-risposta intavolata mill-appellat, u tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

9. L-Awtorità appellanta tibda billi qabel xejn tinvoka n-nullità tad-deċiżjoni appellata, għaliex tgħid li din hija *extra petita* jew *ultra petita* ġaladarba dak ordnat mit-Tribunal mhuwiex dak li ntalab mill-appellat taħt il-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta. Tispjega li kif għaraf it-Tribunal fid-deċiżjoni appellata:

*"Illi t-talba tal-appellanti lill-Kummissarju kienet sabiex jiġi mogħti "kopja vera, stampata tad-dokumentazzjoni inkluż fatturi b'konnessjoni ma' xogħlijiet ta' manutenzjoni u tiswija li saru bejn Lulju 2016 u Settembru, 2018 fuq skaliet (*slipways*) tas-sajjieda f'Marsaxlokk".*

10. Tgħid li minflok it-Tribunal għażel li jordnalha kif ġej:

> *"...sabiex tipprovdi informazzjoni dwar min ħa t-tender għal xogħlijiet fi skall numru wieħed magħruf bħala Principino jew ta' Polu qabel ma bdew ix-xogħlijiet fl-istess skall f'Ottubru, 2018".*

11. In sostenn tal-argument tagħha li qorti ma tistax tiddeċiedi fuq xi dritt ieħor li jkun jirriżulta, iżda għandha tibqa' fil-parametri stabbiliti mill-kawżali u mit-talba mfissra, l-Awtorità appellanta tagħmel riferiment għall-artikolu 790 tal-Kap. 12, imma anki għall-ġurisprudenza tal-Qrati.

12. L-appellat min-naħa tiegħu jikkontendi li l-appell odjern għandu jiġi miċħud, u filwaqt li jirrileva li l-Awtorità appellanta qiegħda tirrepeti referenzi u dati żbaljati, huwa jagħmel riferiment għall-paragrafi 7(a), (b) u (ċ) tal-appell tiegħu fl-istess ismijiet numru 52/2023LM quddiem din il-Qorti, fejn huwa fisser l-allegati skorrettezzi.

13. Il-Qorti tikkunsidra li d-deċiżjoni appellata hija tassew waħda *extra petita* jew *ultra petita.* Kif sewwa għaraf il-Kummissarju, it-talba tal-appellat lill-Awtorità appellanta, kif tirriżulta mill-ilment tiegħu tas-7 ta' April, 2020, kienet għall-*'kopja vera, stampata, tad-dokumentazzjoni, inkluż fatturi, b'konnessjoni ma' xogħlijiet ta' manutenzjoni u tiswija, li saru bejn Lulju 2016 u Settembru 2018, fuq skaliet* (slipways) *tas-sajjieda f'Marsaxlokk",* u dan *ai termini* tal-para. (a) tas-subartikolu 30(2) tal-Kap. 496. L-*email* tiegħu tat-3 ta' Ġunju, 2020, annessa bħala Dok. IDPC1 mad-deċiżjoni tal-Kummissarju, hija ċara li hawnhekk l-appellat kien qiegħed jippretendi informazzjoni dwar xogħol li sar qabel Novembru 2018, u li x'aktarx ingħata permezz ta' *direct order*. Dan kollu huwa

saħansitra kkonfermat mill-appellat stess fir-rikors tal-appell li huwa ressaq separatament mill-istess deċiżjoni appellata tat-Tribunal fit-2 ta' Mejju, 2023.

14. Għaldaqstant, il-Qorti tgħid li l-aggravju tal-Awtorità appellanta huwa ġustifikat u tilqgħu, filwaqt li tikkunsidra li għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tal-appell tagħha ġaladarba d-deċiżjoni appellata ser tiġi ddikjarata nulla.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tilqa' l-appell tal-Awtorità appellanta limitatament kif ingħad hawn fuq, u tiddikjara nulla d-deċiżjoni appellata.**

**L-ispejjeż tal-preżenti appell għandhom ikunu a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**